## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ottubru 2006 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Novembru 2006 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Diċembru 2006 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Jannar 2007 fit-3.00p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 68 OTTUBRU 2006 JITQASSAM BLA ĦLAS



**"Madonna tal-Girgenti, aħna li qegħdin nitolbuk b'ħafna kuraġġ, b'ħafna sabar, b'ħafna qalb kbira, agħmel lilna u l-familji tagħna lkoll kuntenti."**

***Ġuża Mifsud***

## INHEJJU RUĦNA MINN ISSA

Forsi tgħidu m'għadux kmieni! Għadna fix-xahar ta' Ottubru diġa ser nibdew naqraw fuq il-Milied? Iżda jekk inħarsu madwarna probabbli diġa bdejna naraw kartolini, siġar, tiżjin, rigali... Jekk inħarsu f'qalbna x'insibu? Insibu l-baħħ jew inkella diġa bdejna nhejju l-maxtura ta' ruħna sabiex lil Ġesu nilqgħuh bl-imħabba: imħabba pura, imħabba sinċiera, imħabba mhux materjalista?

Jidher li qegħdin ngħixu fi żminijiet ta' bruda spiritwali. Sfortunatament jidher li hawn indifferenza kbira minn ħafna lejn dak li għandu x'jaqsam ma' reliġjon: hawn min għall-quddies ma jsibx ħin jew interess, iżda mbagħad isib ħin għal kull tip ta' divertiment, morali jew mhux.

Flimkien nitolbu lit-tarbija divina sabiex issaħħaħna fil-fidi, ħalli mhux biss nipperseveraw iżda wkoll inkunu ta' eżempju għal dawk li huma birdin. It-twelid ta' tarbija jġib ferħ f'kull familja, aħseb u ara kemm it-twelid ta' Ġesù, it-twelid ta' Alla li sar bniedem bħalna, kemm għandu jheġġeġ ferħ, irattab il-qlub u jgħinna biex ngħixu lkoll bħal aħwa f'għaqda sħiħa mal-Mulej.

Flimkien issa naqraw xi messaġġi li Ġuża tgħid li kellha mill-Madonna u l-Mulej Ġesu dwar din il-ġrajja hekk kbira.

F'messaġġ li nqara fi Frar 1997, Ġuza qalet, "Ix-xahar li ngħidulu tal-Milied, ix-xahar ta' Diċembru, huwa x-xahar tal-kbira ħniena ta' Alla u tal-maħbub Mulej Ġesu, ta' meta r-Reġina sidtna Marija ġabitu fid-dinja... Ix-xahar ta' Diċembru huwa x-xahar tal-ħniena infinita tal-Missier Etern li bagħtilna lil Ibnu feddej, setgħan u kbir fid-dinja... Hija ġrajja ta' mħabba, ġrajja ta' paċi illi Ġesu ġie fid-dinja u ħa x-xbieha tagħna, permezz ta' tarbija..."

Fid-diskors li għamlet waqt il-laqgħa ta' Diċembru 1987, Guża qalet li l-Madonna għamlitilha dan l-appell, "Nixtieqek ħafna binti, li tipprepara n-nies... biex kemm jista' jkun jibdew jaħsbu fuq dik il-kbira u imbierka ġurnata tat-tifkira tal-*birthday* li jiena ġibt lit-twajjeb Ġesu fid-dinja, il-Milied, biex kemm artek u kemm id-dinja tagħraf aktar bil-qalb, bl-imħabba, bis-sentimenti tagħha, bil-forza tagħha, tal-qalb, tal-moħħ u tal-kuxjenza din il-kbira ġurnata li għamel mad-dinja l-Mulej, il-Missier Etern li bagħat lil Ibnu waħdieni fid-dinja... F'din il-ġurnata tal-Milied, Jiena nixtieq mhux biss, Binti, illi l-erwieħ imbegħda minn Alla ta' artkom... imma l-ġnus kollha tad-dinja jagħrfu li dan Ġesu huwa dak il-Mulej li bagħat lil Ibnu biex iġib il-paċi f'artkom u fid-dinja kollha."

Fil-messaġġ tat-18 ta' Diċembru 1994, hija qalet, "...nitolbu liċ-ċkejkna tarbija li ġiet biex iġġib il-paċi fid-dinja. Din it-tarbija divina verament trid tagħti l-paċi lid-dinja imma hawn hafna nies li minflok ma jagħtu kas ta' din it-tarbija qegħdin anzi jwarrbuha.

Il-Mulej ma jridx kummiedji ta' lussu. Il-Madonna ma kellhiex lussu. Il-Milied m'għandniex ngħadduh b'affarijiet ta' lussu, ta' piki, ta' mibegħda imma minflok għandna nżommu qalbna nadifa. Dak li trid is-Sinjura tal-Ħajja, u dak li ħadt jiena dan il-lejl minn Ġesu ta' l-Ewkaristija. Biex jirrenja fil-qlub il-Mulej Ġesu jrid isib l-imħabba, il-paċi, is-sempliċita u l-indafa fil-qalb u fir-ruħ. Imma dawn l-affarijiet Ġesu qed isibhom biss fil-ftit.

Ġesu qalli, 'Kieku jiġi xi ħadd fl-ambjent tiegħek jibża' joqgħod f'dan il-faqar u s-sempliċita li inti għandek f'darek, iżda Jiena hemmhekk insib is-serħan tal-qalb. Hemm bżonn li f'dawn il-jiem li ġejjin in-nies iżommu ħafna lsienhom nadif, il-qalb tagħhom nadifa, il-menti tagħhom indaf u jċedu l-vanita' żejda, il-lussu u dawn il-preparazzjonijiet bla rażan.' Li jrid il-Mulej f'dawn il-jiem tal-Milied huma mħabba u paċi tal-qalb."

Esperjenza oħra dwar il-Milied li Ġuża Mifsud tgħid li kellha mal-Madonna ġrat fl-1991. "Il-ġurnata hija l-Erbgħa 25 ta' Diċembru 1991, jiġifieri llum hija l-ġurnata tal-Milied. Il-ħin huwa s-sagħtejn... F'dan illejl imqaddes u mbierek



jiena kelli kuntatt jew rivelazzjoni li ġie ispirat lili mill-Madonna... Il-ġurnata kollha kont ma niflaħx u ngħidilkom li l-Madonna kellha ħafna ferħ f'qalbha, imma ħasset ukoll is-swied ta' qalb il-ħin li waslilha biex tagħti t-tarbija divina lid-dinja. Il-Madonna kienet ħafna mżejna bl-ispirtu tal-Mulej, imma xi ftit tas-solitudini ħasset ukoll kif stajt nifhem jiena... Meta kelli dik il-viżjoni jiena rajt xi ħaġa mdawra mal-Madonna, qisha fardal u fuq dak il-fardal minn taħt, fuq ħarqa urietni t-tarbija divina."

F'messaġġ iddettat minn Ġuża fil-21 ta' Jannar 1989, hija tgħid hekk: "Il-lejl ta'l-Erbgħa sbieħ il-Ħamis, kien kbir wisq u nixtieq ħafna li jinfetaħ moħħi u anka jinfetaħ tagħkom. Għall-11.30p.m. jiena bdejt nitlob u sa qisu l-4.00a.m. għidt ħmistax-il posta rużarju... Jien ma kontx naf jekk matul il-jum kienx ser ikolli ċans ngħid aktar rużarju għalhekk għal ħabta tas-7.00a.m. kont qed ngħid ir-rużarju tal-ferħ. Meta wasalt fit-tielet posta, jiena għidt, 'Mela Madonna, illum il-Ħamis wellidt dik it-tarbija fl-għar ta' Betlem. Jiena ma għandix sol-liv u kumdita, m'għandi xejn'u minnufih nisma' l-leħen tal-Madonna li qaltli, 'Għażiża Binti, jinħlew ħafna flus għax tkun ġejja tarbija fid-dinja. Lili ħadd ma kellu fejn jilqagħni imma kien hemm għar bl-annimali, annimali kbar, xi ngħaġ u xi baqra. Peress li kont qegħda f'sitwazzjoni mbarazzanti ħafna biex nagħti dik it-tarbija Divina illi niżlet mis-sema u ċċaħdet għal kollox mill-għamara sabiħa tal-Belt Imqaddsa t'Alla, daħal Ġużeppi b'fanal f'idu biex ineħħi l-ħmieġ ta' l-annimali mill-maxtura fejn kienu jagħtu t-tiben lill-annimali.

Alla tani lil dan Ġużeppi biex jindukrani, bħala bniedem spiritwali, konna nistħu minn xulxin, imma li kieku l-anġlu ma ħabbrux lil dan ir-raġel kieku lili kienu jħaġġruni bil-ġebel għax sa minn żmien Mose hekk kienu jagħmlu. Jien kont imħabbta ħafna għax lil din it-tarbija sa mill-bidu riedu joqtluha, kemm ix-Xitan u kemm Erodi. Kulma kelli kienu biss ftit ħwejjeġ li jiena ħadt mill-ħanut fejn konna naħdmu f'Nażaret.

Alla għeni biex nibqa' fl-għar inwelled it-tarbija Divina. Jiena dan għamiltu bl-akbar qalb, imħeġġa lejn il-Mulej bis-sabar kollu u bl-umilta kollha. Lit-tarbija qegħdtha fuq ftit tiben nadif minn ta'dawk l-istess annimali u ħadt xi biċċtejn ħwejjeġ biex inkun nista'nagħmel sħuna lil din it-tarbija Divina t'Alla.

Binti, hawn ħa ngħidlek li l-kumdita', il-lussu ul-ħafna tberbiq ta'flus m'humiex kollox. Hawn ħafna nies li qegħdin ibatu l-għaks u l-ġuħ filwaqt li oħrajn jgħidu x'jimpurtani minn dak u mill-ieħor u jiena qatt ma rajtu lil Alla. Ehh binti, kemm huma sejrin imqarrqin, mhux il-flus li jagħmluk kuntenta u mhux il-ġid li jagħmlek kuntent imma l-paċi tal-qalb. Imma hawn ħafna familji u nies f'kull rokna tad-dinja u f'kullimkien li għalihom id-dinja hi kollox u l-Mulej ma jafux bih"

F'dawn il-jiem u ġimgħat li ġejjin fejn tant naraw xbihat tat-tarbija divina fid-djar tagħna, li jfakkruna fil-ħniena nfinita tal-Missier Etern, ejja nwarrbu l-materjaliżmu li spiss joħnoq l-ispiritwalita' ta' din il-festa. Ejja flimkien ngħaddu Milied mimli b'imħabba nisranija lejn il-proxxmu tagħna fejn il-paċi tal-qalb tkun riflessa fi tbissima sinċiera fuq fommna lkoll.

Sylvana Spiteri LL.D

## GĦAXAR SNIN MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru 2006 jaħbat l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għal ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi il-ĦAMIS 26 TA' OTTUBRU fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna. Ma noqgħodux ngħidu ma mmorru xejn is-Siġġiewi iżda nisimgħu quddiesa għal ruħha fil-belt jew raħal tagħna. Ġuża qatt ma talbet xejn għaliha nnfisha iżda żgur li għall-wirt kbir li ħallitielna jisthoqqilha li nagħtuha din is-siegħa darba f'sena. Nappella lil dawk kollha li qalgħu grazzji, dawk li kienu jafuha u d-devotti tal-Madonna sabiex nattendu u flimkien nirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li għoġobhom jinqdew b'Ġuża sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**J. S. miż-Żejtun kitbet hekk:** Jiena kont ktibt sabiex isir talb fil-Girgenti għall-bżonnijiet tat-tifel tiegħi peress li wara xi żmien li jkun ilu jaħdem, jingħata s-sensja u malajr jaqbad jidgħi.

Xi ġimgħa wara li sar it-talb, qabad jaħdem ma kuntrattur u qiegħed għall-qalbu ħafna. Qalli wkoll li dan il-kuntrattur ma jridx jisma' dagħa waqt ix-xogħol. Jiena ħadt veru gost għax għidt li issa joqgħod attent u ma jidgħix iżjed. It-tifel filfatt ma għadux jidgħi u sar ħafna bil-għaqal.

Kont għidtilkom ukoll biex titolbu għal ħabiba tat-tifla tiegħi li kien ilha ħafna tmur għand it-tobba biex ikollha tarbija iżda dawn kienu qalulha li ma jistax ikollha tfal.

Jiena kont bgħattilha santa u labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Din waħħlet is-santa mal-fridge u bdiet titlob lill-Madonna. Wara xi ħmistax it-tifla ċemplitli u qaltli, "Ma żgur sar mirkalu. Mindu tajt is-santa lil ħabiba din ser ikollha tarbija!" Grazzi Ġesu, grazzi Madonna.

**Josianne Chetcuti mix-Xgħajra tirrakkonta dan il-fatt:** Fl-1997 kelli din l-esperjenza. Kien għadni kemm naddaft id-dar u t-tifla Carrie li kellha tliet snin kien għadha kif ġiet lura mill-iskola.

Mort nirrispondi t-telephone u t-tifla ġiet warajja. Ħarist lejn l-inkwadru li għandi tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u rrejalizzajt li kont naddaft kollox ħlief għal dan l-inkwadru. Dak il-ħin għaddejt subgħajja minn fuqu biex nara jekk kinx fih trab jew le.

It-tifla Carrie ħarġet mill-kamra u fil-pront waqa' s-saqaf tal-kamra fejn kont nirrispondi t-telephone. Fuqi ma waqax biss is-saqaf tiegħi iżda wkoll is-saqaf tal-ġirien li joqgħodu fuqi u li dak il-ħin kien qed isir xi xogħol fih.

Jiena ntradamt kompletament ħlief għal biċċa żgħira quddiem wiċċi biex stajt nieħu n-nifs. Minkejja dan kollu jiena ma kellix ksur iżda ftit tbenġil. L-isptar mort biss għal xi testijiet għaliex lanqas grif ma kelli minkejja d-daqqa li ħadt ġo rasi u f'dahri bil-materjal li waqa'.

Ħadt ir-ritratti tal-ħsara minħabba d-danni li ġarrabt. L-inkwadru baqa' sħiħ, kien mimli trab u fejn missejt b'subajja kien jidher nadif.

Nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni

qlajt grazzja hekk kbira.

**C. M. mill-Mosta kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jiena meta taqbadni l-influwenza ndum biha xi xagħrejn u taqbadni b'sogħla qawwija ħafna. Filfatt qabditni u kien diġa ilni tlett iljieli nisgħol il-ħin kollu. Qabduni dwejjaq kbar, kelli l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti u xrobt ftit. Tlabt bil-qalb lill-Madonna u Alla jbierek is-sogħla waqfitli dak il-ħin stess.

**T. Grech minn Santa Venera kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni:

Madwar sena ilu kont ma niflaħx ħafna, kien ikolli ħafna uġigħ ma ġismi kollu. Kellimt lit-tabib tal-familja, Dr. Rosso, li bagħtni l-isptar għat-testijiet. Irriżulta li kelli cancer tas-sider u li kien infirex fl-għadam. Meta l-Isptar St. Lukes tellgħuni biex jagħmluli l-operazzjoni din ma saritx għax qaluli li bil-loppju aktar tista' ssir ħsara milli ġid.

Batuni l-isptar Boffa u tant kont batuta li hemmhekk kelli mmur bil-wheelchair, lanqas kont nista' noqgħod bil-wieqfa, imgħarfa lanqas kont niflaħ inżommha f'idejja, kellhom jitimgħuni, jaħsluni; għal kollox kont niddependi minn ħaddieħor.

L-ispeċjalista, Dr. Muscat meta staqsejtu jekk hemmx tama ta' fejqan qalli li kieku kont mort qabel kien ikun hemm tama iżda issa le. Meta staqsejtu kemm fadalli żmien, weġibni li jista' fadalli xhur u jista' fadalli ftit snin.

Dr. Muscat ordnali l-chemotherapy u l-għoqiedi li kelli f'sidri bdew jitilqu waħedhom u l-kundizzjoni tiegħi stabbilizzat ruħha. Illum ninsab tajba tant li l-bżonnijiet tiegħi nagħmilhom waħdi u għalkemm għall-ewwel kont immur kull ħmistax l-Outpatient u mbagħad kull xahar, issa qegħda mmur kull tliet xhur. L-aħħar li mort l-Outpatient, l-Assistenta ta' l-Ispeċjalista qaltli li ninsab tajba ħafna.

Jiena kont minn qabel devota tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u kont ukoll nitla' l-Girgenti. Naturalment f'dan iż-żmien kont nitlobha ħafna għall-fejqan tiegħi. Jiena diġa nħoss li l-grazzja qlajtha għax l-operazzjoni ma saritx iżda nkompli nitlob lil Alla għal fejqan komplut.

It-tieni grazzja jew grazzji għandhom x'jaqsmu ma' ħija, Alfred Borg, li joqgħod New South Wales, l-Awstralja. Ħija kien jgħix ħajja naqra



bierda, iżda meta ġie Malta tellajnieh ħdejn il-Madonna tal-Girgenti u minn dakinhar ħajtu nbidlet tant li meta mar lura l-Awstralja kompla jfittex aktar informazzjoni minn fuq il-website tal-Moviment sabiex ikun jaf aktar dwar il-Madonna. Mhux hekk biss iżda spiss jgħid ir-rużarju minn fuq il-website.

Apparti minn dan kellu tifla li sakemm dam hawn Malta għal-holiday riedet tissepara u filfatt isseparat minn mar-raġel tagħha. Ċempilli sabiex nitlob għalihom lill-Madonna tal-Girgenti u hu minn naħa tiegħu talab ukoll. Għall-grazzja t'Alla bintu u żewġha reġgħu qegħdin flimkien.

Hu jixtieq jerġa jiġi lura Malta sabiex jitla' l-Girgenti u jirringrazzja lill-Madonna personalment.

**M. Ciappara mill-Marsa** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Kellha l-pressjoni baxxa u bdiet tara ċ-ċpar iżda wara li messet l-inkwadru tal-Madonna għaddielha u ġiet normali.

**Doris Mallia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna.

**J. Azzopardi mill-Imsida kiteb hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Jiena kont inbati minn depression u kemm-il darba tlajt nitlob lill-Madonna il-Girgenti. Illum ninsab tajjeb ħafna.

**M. A. Micallef minn Ħaż-Żabbar kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2006 filgħaxija irqadt quddiem it-televiżjoni. X'ħin qajjimni ħija ħassejt uġigħ kbir f'rasi li baqa' nieżel ma' għonqi u fi spallti. Peress li ma kellix mediċina d-dar, qbadt santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għidt Ave Maria u poġġejtha ma' moħħi u ma' għonqi. Dak il-ħin ħassejt sħana kbira u l-uġigħ mar.